VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 72 tal-2018

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2018 dwar Proċedura ta' Ordni Ewropea għall-Preservazzjoni tal-Kontijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim' Ministru għamel l-Ordni li ġej: -

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2018 dwar Proċedura ta' Ordni Ewropea għall-Preservazzjoni tal-Kontijiet.

(2) Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali;

(3) Dan l-Ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Jannar 2017.

Tifsir.

2. F'dan l-Ordni, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"il-Kodiċi" tfisser il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; Kap. 12.

"Ordni ta' Preservazzjoni" tfisser Ordni Ewropea għall-Preservazzjoni tal-Kontijiet:

Iżda t-tifsiriet li mhumiex imfissra f'dan l-Ordni għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fir-Regolament UE;

"persuna" tfisser persuna fiżika jew ġuridika u tinkludi korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, kemm jekk mogħtija personalità ġuridika, skont id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili; Kap.16.

"ir-Regolament UE" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni.

3. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha l-kompetenza li toħroġ Ordni ta' Preservazzjoni taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament UE.

Awtorità tal-informazzjoni.

4. L-awtorità maħtura bħala kompetenti għall-finijiet tal-ksib tal-informazzjoni meħtieġa fir-rigward tal-kont jew kontijiet tad-debitur, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament UE hija r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

Awtorità kompetenti.

5. L-awtorità maħtura bħala kompetenti sabiex tirċievi, tittrasmetti u tinnotifika l-Ordni ta' Preservazzjoni u dokumenti oħra taħt ir-Regolament UE, għandha tkun l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

Żvelar ta' dettalji ta' kontijiet bankarji.

6. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe metodu ieħor disponibbli skont il-liġi, il-banek, għall-finijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament UE, huma obbligati jiżvelaw, fuq talba tal-awtorità tal-informazzjoni, jekk persuna għandhiex kont magħhom.

Qorti kompetenti sabiex tipprovdi rimedju lid-debitur.

7. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha l-kompetenza li tipprovdi rimedju skont l-Artikoli 33(1), 34(1) jew 34(2) tar-Regolament UE.

Appelli.

8. (1) Appell kontra kull deċiżjoni:

(a) tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li ma tkunx laqgħet, kompletament jew parzjalment rikors għal Ordni ta' Preservazzjoni taħt l-artikolu 3, għandu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament UE, jsir quddiem il-Qorti tal-Appell:

Iżda li dan l-appell għandu jkun disponibbli biss għall- kreditur; u

(b) mogħtija skont l-Artikoli 33, 34 jew 35 tar-Regolament tal-UE, għandu, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tar-Regolament tal-UE, ukoll isir quddiem il-Qorti tal-Appell

(2) L-appell skont l-artikolu (1)(b) għandu jsir fi żmien sitt (6) ijiem minn meta d-deċiżjoni tinqara fil-qorti bil-miftuħ.

Drittijiet.

9. Id-drittijiet applikabbli għall-preżentata ta':

(a) rikors għal Ordni ta' Preservazzjoni għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 3 tat-Tariffa D tal-Iskeda A tal-Kodiċi;

(b) rikors skont l-artikolu 7 għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 4(4) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodiċi;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) appell minn kull deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 3(7) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodiċi; u

(d) kull notifika ta' att proċedurali, inklużi spejjeż għall-esekuzzjoni ta' din in-notifika, għandhom japplikaw id-drittijiet stabbiliti fil-paragrafu 6 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodiċi.